# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002.**

**Kawza Numru: 49**

**Citaz. Nru. 1843/98 GV**

Doc 262-02

**Annunziata Brincat**

**Vs**

**Joseph Aquilina, Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Entijiet Religjuzi Djocesani kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess l-Ufficcju Opri Missjunarji Pontifici u b'nota tal-1 ta' Dicembru, 2000 Vincent E. Ciliberti bhala Agent Ekonomiku ta' Monsinjur Arcisqof assuma l-atti tal-kawza flok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-attrici ppremettiet li hi irrendiet servigi lill-Maria Assunta Galea u lill-kugina taghha Rose Galea li kienu joqghodu 174, High Street, Hal-Balzan u dan ghal diversi snin: lit-tnejn flimkien, mill-1978 sal-1994, sakemm mietet Maria Assunta Galea, u mill-1994 sat-28 ta' Marzu, 1998, data li fiha mietet Rose Galea, lill-Rose Galea wahedha;

Premess illi l-attrici kienet mhux biss taqdihom fil-htigijiet kollha taghhom (fost affarijiet ohra kienet tixtrilhom l-ikel, tahslilhom il-hwejjeg, tahsilhom u iddur bihom; Rose Galea kienet anke torqod ghand l-attrici), izda wkoll inkorriet fi spejjes, sofriet hsarat fi hwejjigha, u meta l-kugini Galea kienu ma jifilhux, kienet tehodhom ghand tobba jew l-isptar u wara jaghmlu l-konvalescenza d-dar taghha;

Premess illi dawn ix-xebbiet kienu jridu jikkompensaw lill-attrici, u weghduha kemm-il darba li se jikkumpensawha, izda fit-testment li t-tnejn ghamlu fl-istess gurnata, cioe', fid-19 ta' Novembru 1984, fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, hallew diversi legati u innominaw bhala eredi universali lill-Opri Missjunarji Pontifici li huma Propogazjoni tal-Fidi, Kleru Indigenu u Santa Infanzja fi kwoti ugwali u lill-attrici ma hallewlha xejn;

Premess illi l-attrici ghalkemm kienet giet imwieghda mid-decujus li huma kienu se jiehdu hsiebha wara mewthom, ma hadet ebda hlas jew kumpens ghas-servigi minnha resi;

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1 Tiddikjara illi l-attrici rrendiet sevigi u prestazzjonijiet lill-mejtin Maria Assunta Galea u Rose Galea, kif ukoll inkorriet spejjez u sofriet hsarat fi hwejjigha konsegwenza tas-servigi rezi.

2 Tillikwida l-kumpens dovut ghall-istess servigi u prestazzjonijiet resi lill-imsemmija kugini Galea, kif ukoll kumpens ghall-ispejjez u hsarat li sofriet fi hwejjigha, accorrendo bl-opra ta' perit nominand.

3 Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici kumpens hekk likwidat ghas-servigi u prestazzjonijiet minnha resi u ghall-ispejjez u hsarat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tas-27 ta' April, 1998, tal-24 ta' Gunju, 1998, u tat-18 ta' Awissu, 1998, kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrci a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa:

Illi preliminarjament li l-attrici ma tistax titlob il-hlas ta' servigi jekk mhux limitatament ghall-ahhar hames snin qabel il-mewt ta' Maria Assunta Galea u ta' Rose Galea.

Illi bla hsara tal-premess, l-esponent nomine ipprova jasal fi ftehim ragonevoli ma' l-attrici billi offrilha Lm6,000 pero' din ippretendiet is-somma astronomika ta' Lm15,000 li hi sproporzjonata anki a paragun ta' l-assi mholli lill-Missjonijiet li ghandhom tant bzonn li jkunu meghjuna.

**KONTESTAZZJONI**

Illi fil-kaz odjern, l-attrici qed titlob dikjarazzjoni li hija rrendiet servigi lil Maria Assunta Galea u Rose Galea ghal madwar ghoxrin sena kif ukoll likwidazzjonii ta' dan il-kumpens u kundanna ghall-hlas tal-konvenut nomine li huwa l-eredi universali ta' Maria Assunta u Rose Galea.

Il-konvenut nomine min-naha l-ohra qed jeccepixxi l-preskrizzjoni fis-sens li l-attrici tista' titlob biss il-hlas ta' servigi limitatament ghall-ahhar hames snin qabel il-mewt ta' Maria Assunta Galea u Rose Galea rispettivament. Inoltre, l-konvenut nomine jeccepixxi li l-ammont ta' hmistax il-elf lira Maltin (Lm15,000) pretiz mill-attrici huwa eccessiv u li s-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) offerta lilha qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni, kien kumpens adegwat ghat-tip ta' servigi rezi minnha lill-kugini Galea.

Il-konvenut nomine isostni wkoll li l-attrici diga' giet kumpensata ghas-servigi rezi minnha meta hija xtrat parti mill-gnien tad-dar li fiha kienu jghixu l-kugini Galea minghand il-konvenut nomine ghall-prezz ferm anqas mill-valur reali ta' dik il-proprjeta'.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut nomine m'huwiex qed jikkontesta l-fatt li l-attrici effettivament irrendiet servigi lil Maria Assunta u Rose Galea. Huwa qed isostni izda li l-pretenzjonijiet tal-attrici huma esagerati u li s-servigi li hija ddikjarat matul it-trattazzjoni tal-kawza li rrendiet ma jirriflettux dak li hija realment ghamlet mal-kugini Galea.

Illi l-attrici xehdet fis-sens li ghal aktar minn ghoxrin sena hija rrendiet servigi lill-kugini Galea. Hija kienet taghmel kull ma jkollhom bzonn inkluz xiri, tisjir, hjata, hasil ta' hwejjeg u tindif tad-dar li kienu jghixu fiha kif ukoll medikazzjoni fis-sens li kienet taghtihom l-'*injections*'. Hija kienet ukoll takkompanja lil Rose Galea sabiex izzur lill Maria Assunta Galea meta din tal-ahhar kienet rikoverata San Vincenz De Paule, u kienet anki zzur lil Maria Assunta wehidha. Inoltre, hija kienet takkompanja lill-kugini ghand it-tabib meta dawn kien ikollhom bzonn. Kienet tahsel lil Maria Assunta Galea meta din tal-ahhar kienet

ixxarrab is-sodda u kienet torqod ghand il-kugini Galea meta kien ikollhom bzonn. Wara li mietet Maria Assunta Galea fl-1994, Rose Galea bdiet tiddependi aktar u aktar mill-attrici. Bdiet tghix prattikament fid-dar tal-attrici u ghamlet zmien twil qabel ma mietet torqod fid-dar tal-attrici. Tul dawn l-erba' snin, l-attrici xehdet li kienet timmedika lil Rose Galea kontinwament kif ukoll takkompanjaha regolarment l-Isptar. L-attrici tiddeskrivi l-kura li tat lil Rose Galea mill-1994 sal-1998, u cioe' meta din mietet, bhala ghajnuna totali u li kienet tirrikjedi impenn kontinwu. Ix-xhieda tal-attrici f'dan is-sens giet korroborata minn oht l-attrici li xehdet permezz ta' affidavit (a fol. 31 et seq) kif ukoll minn Suor Maria Gerada (affidavit a fol. 48), Joseph u Doreen Vella (affidavit a fol. 49), Dr. Simone Borg (affidavit a fol. 50), Philip Borg (affidavit a fol. 51) u Lina Musu' (affidavit a fol. 56).

Illi l-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-provi prodotti, hi tal-fehma li effettivament l-attrici rrendiet il-prestazzjonijiet minnha allegati lill-mejtin kugini Galea.

Dan stabbilit jridu issa jigu determinati zewg kwistjonijiet: (i) tal-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mill-konvenut nomine u (ii) il-likwidazzjoni ta' kumpens.

***Preskrizzjoni kwinkwennali***

L-attrici qed tippretendi kumpens ghal servigi rezi lill-kugini Galea ghall-perijodu ta' ghoxrin sena mill-1978 sal-1994 sakemm mietet Maria Assunta Galea u mill-1994 sal-1998 lil Rose Galea sakemm din mietet. Ic-citazzjoni odjerna giet intavolata fit-18 ta' Settembru, 1998, u l-attrici ma ressqet ebda prova fis-sens illi hija nterrompiet il-preskrizzjoni b'xi att gudizzjarju qabel din id–data. Hija izda ssostni li d-debituri rrikonoxxew l-obbligu taghhom ghall-hlas ta' servigi u b'hekk il-preskrizzjoni giet interrotta jew sahansitra rrinunzjata b'tali

rikonoxximent. Illi l-Qrati taghna stabbilew f'kazijiet ta' servigi li l-preskrizzjoni titqies li giet interrotta anki meta jkun hemm rikonoxximent verbali f'dan is-sens {ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Settembru, 1994, fil-kawza fl-ismijiet Carmelina Vella et vs Anthony Borg noe et (Vol. LXXVIII-II-I) u sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Ottubru, 1997, fil-kawza fl-ismijiet 'Pawla Formosa et vs Katerina Gauci et'}. Fil-kaz odjern, jidher li tali rikonoxximent sar biss minn Rose Galea u dan jirrizulta mix-xhieda ta' Lina Musu, ta' Dr. Simone Borg u ta' Suor Maria Brincat oht l-attrici u tal-istess attrici u anki permezz tax-xhieda ta' Dun Guzepp Fenech li fl-affidavit tieghu a fol. 38 et seq jghid "Rose kienet tghidli sabiex nahseb f'Ms. Brincat u nikkumpensaha". Fil-kaz ta' Maria Assunta Galea ma jirrizultax pruvat li kien hemm rikonoxximent da parti taghha li kien dovut xi kumpens lill-attrici ghas-servigi rezi mill-attrici u ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kwinkwennali tirrizulta fil-konfront tas-servigi rezi mill-attrici lil Maria Assunta Galea.

***Likwidazzjoni tal-kumpens***

Illi dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens, gurisprudenza stabbiliet tlett kriterji li ghandhom jigu addottati sabiex jigi likwidat tali kumpens: (i) il-frekwenza u x-xorta ta' servigi, (ii) il-mezzi tal-konvenuta u (iii) il-parentela ta' min jirrendi s-servigi ma' min juzufruwixxi mill-istess servigi (ara Vassallo vs Aquilina – Prim Awla 29 ta' Gunju, 1982, Cutajar vs Vella – Prim Awla 6 ta' April, 1982, u Buhagiar vs Mifsud – Prim Awla 1 ta' Frar, 1983).

Illi dwar il-frekwenza u n-natura ta' servigi rezi mill-attrici lil Maria Assunta Galea u specjalment lil Rose Galea, l-Qorti diga' kkonkludiet aktar il-fuq fejn intqal li mill-provi prodotti rrizulta li n-natura tas-servigi rezi mill-attrici lill-kugini Galea kienu ta' certu konsistenza u kienu jirrikjedu hafna impenn u dedikazzjoni da parti tal-istess attrici.

In kwantu jirrigwarda t-tielet kriterju hawn fuq imsemmi, u cioe' l-livell ta' parentela, gie stabbilit mill-provi li ma kien hemm ebda parentela bejn l-attrici u l-kugini Galea. Huma kienu biss girien u ghalhekk il-kumpens dovut lill-attrici ghas-servigi rezi lilhom ghandu jkun akbar.

Illi dwar l-assi ta' Rose Galea, jirrizulta li hija kellha disgha u tletin elf lira Maltin (Lm39,000) depozitati fl-HSBC Bank Malta Ltd u l-APS Bank Limited (ara li *statements* esibiti a fol. 75 et seq). Inoltre, hija kellha wkoll l-uzufrutt tad-dar li kienet tghix fiha f'174, Main Street, Hal Balzan, liema dar kienet tappartjeni lil Maria Assunta Galea u giet mhollija lill-konvenut nomine mill-istess Maria Assunta Galea. L-attrici esibiet konvenju minn fejn jirrizulta li din id-dar kienet ser tinbiegh mill-konvenut nomine lil terzi ghall-prezz ta' mija u sitta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm126,000) (a fol. 92).

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-attrici ssemmi l-ammont ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) bhala kumpens adegwat ghas-servigi rezi minnha lill-kugini Galea u l-konvenut nomine jirribatti li l-ammont ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) minnu offert qabel ma giet intavolata l-kawza, huwa sufficjenti u dan tenut kont tal-fatt li l-attrici kienet diga' bbenefikat minn riduzzjoni sostanzjali fil-prezz li bih xtrat parti mill-gardina tal-proprjeta' hawn fuq imsemmija minghand il-konvenut nomine. Il-bejgh relattiv skond Dun Guzepp Fenech (ara affidavit a fol. 38 et seq), sar ghall-prezz ta' hames telef u erba' mitt lira Maltin (Lm5,400), izda dejjem skond dan ix-xhud, il-proprjeta' kienet tiswa realment madwar ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000). Il-konvenut nomine izda ma ressaqx prova konvincenti u konkluziva sabiex jissostanzja din l-affermazzjoni, filwaqt li l-attrici rnexxilha tipprova permezz tax-xhieda tal-Perit Paul Borg li l-ammont li hija hallset ghax-xiri ta' parti mill-gnien kien jirrifletti l-valur reali tal-proprjeta' fiz-zmien meta nbieghet.

Illi l-konvenut nomine jsostni wkoll li l-attrici kienet hadet diversi oggetti ta' valur mid-dar ta' Rose Galea kemm qabel kif ukoll wara mewtha, izda x-xhud prodott mill-istess konvenut nomine u cioe' Rocco Caruana, li xehed fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2002, jghid li wara l-mewt ta' Rose Galea, huwa ra diversi trakkijiet tal-Opri Missjonarji jgorru affarijiet mid-dar ta' Galea u li lill-attrici qatt ma raha ggorr affarijiet bit-trakk minn din id-dar.

**KONKLUZZJONI**

Illi tenut kont tal-premess u tenut kont tal-fatt li l-kumpens li ghandu jigi likwidat jirrigwarda <u>principalment</u> is-servigi rezi mill-attrici lil Rose Galea biss, u tenut kont li l-assi ta' din tal-ahhar meta mietet kienu madwar tlieta u disghin elf lira Maltin (Lm39,000), il-Qorti jidrilha li s-somma ta' tmien telef lira Maltin (Lm8,000), jkun kumpens adegwat ghas-servigi rezi mill-attrici lil Rose Galea u lil Maria Assunta Galea ghal dak il-perijodu mhux preskritt kif diga' spjegat aktar il-fuq.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara illi l-attrici rrendiet servigi u prestazzjonijiet lill-mejtin Maria Assunta Galea u Rose Galea, kif fuq spjegat;

tillikwida l-kumpens dovut ghall-istess servigi u prestazzjonijiet resi lill-imsemmija kugini Galea, fl-ammont ta' tminet elef lira maltin (Lm8,000);

Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attrici l-kumpens hekk likwidat ghas-servigi u prestazzjonijiet minnha resi;

bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kwantu ghal kwart ghall-konvenut nomine u tliet kwarti ghall-attrici.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**